Detenzjoni u trasferiment ta' priġunieri

L-UE tgħin biex jiġu riabilitati l-priġunieri billi tippermettilhom li jiskontaw is-sentenza tagħhom fil-pajjiż ta' appartenenza tagħhom. Biex tagħmel dan, hija fasslet sistema għat-trasferiment tal-priġunieri lura lejn il-pajjiż tal-UE li jiġu minnu, dak li normalment jgħixu fih jew li miegħu għandhom rabtiet mill-qrib.

Is-sistema hija bbażata fuq **Tliet (3) "deċiżjonijiet qafas"**:

Id-deċiżjoni dwar it-trasferiment ta' priġunieri lejn il-pajjiż ta' appartenenza tagħhom

Id-Deċiżjoni Qafas tal-2008 dwar sentenzi ta' kustodja tippermetti li l-priġunieri jkunu jistgħu jiġu ttrasferiti lura lejn il-pajjiż fejn jgħixu normalment. Dan minħabba li jkun hemm ċans aħjar li l-priġunieri jiġu riabilitati fil-pajjiż ta' appartenenza tagħhom.

Id-Deċiżjoni ttejjeb il-komunikazzjoni bejn il-pajjiżi u tippermetti li jsiru trasferimenti f'termini ta' skadenza speċifiċi.

Minn meta din ġiet applikata?

Il-pajjiżi tal-UE kellhom jinkorporaw din id-deċiżjoni fil-liġi nazzjonali tagħhom sal-**5 ta' Diċembru 2011**. Informazzjoni dwar il-progress tal-implimentazzjoni tista' tinsab hawnhekk.

X'għandu jinbidel?

Għall-UE, id-Deċiżjoni tissostitwixxi l-Konvenzjoni Ewropea dwar it-trasferiment ta' persuni kkundannati (1983) u l-Protokoll Addizzjonali (1997) tagħha, għalkemm dawn il-Konvenzjonijiet se jkomplu japplikaw għal pajjiżi mhux tal-UE.

Id-deċiżjoni dwar il-probation fil-pajjiż ta' appartenenza tal-awtur ta' ksur

Id-Deċiżjoni Qafas tal-2008 dwar il-miżuri ta' probation u sanzjonijiet alternattivi tagħmilha possibbli għal persuna li tintbagħat lura lejn il-pajjiż fejn normalment tgħix jekk hija tkun:

ġiet ikkundannata u rrilaxxata fuq probation, jew

ingħatat piena alternattiva

f'pajjiż tal-UE fejn ma tgħixx normalment.

Dan il-pajjiż imbagħad jissorveljaha b'mod li sservi s-sentenza tagħha, billi n-nies jiġu riabilitati iktar faċilment f'pajjiżhom.

Minn meta din ġiet applikata?

Il-pajjiżi tal-UE kellhom jinkorporaw din id-deċiżjoni fil-liġi nazzjonali tagħhom sas-**6 ta' Diċembru 2011**. Informazzjoni dwar il-progress tal-implimentazzjoni tista' tinsab hawnhekk.

X'għandu jinbidel?

Id-deċiżjoni tissostitwixxi l-partijiet rilevanti tal-Konvenzjoni tal-1964 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar it-traġressuri kkundannati jew liberati kondizzjonalment, għalkemm din il-Konvenzjoni tkompli tapplika għal pajjiżi mhux tal-UE.

Deċiżjoni dwar alternattivi għall-arrest preventiv

Id-Deċiżjoni Qafas tal-2009 tapplika l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' sorveljanza bħala alternattiva għall-arrest preventiv.

Għas-suspettati lliberati proviżorjament qabel is-smigħ tal-kawża tagħhom, din id-deċiżjoni tippermetti li r-responsabbiltà għal **sorveljanza mingħajr arrest** tiġi ttrasferita lejn il-pajjiż fejn jgħixu normalment.

Dan jippermetti li ċ-ċittadini tal-UE jmorru lura lejn darhom, filwaqt li jkunu qegħdin jistennew is-smigħ tal-kawża f'pajjiż ieħor tal-UE. Il-pajjiż ta' appartenenza tagħhom jissorveljahom permezz ta' miżuri ta' kontroll mingħajr arrest (pereż. b'mod li jkunu meħtieġa jibqgħu f'post speċifiku, jew jintalbu jirrappurtaw f' għassa tal-pulizija kuljum). Dan jevita detenzjoni twila qabel is-smigħ tal-kawża barra mill-pajjiż.

Minn meta din ġiet applikata?

Il-pajjiżi kellhom jinkorporaw din id-deċiżjoni fil-liġi nazzjonali tagħhom sal-**11 ta' Diċembru 2012**. Informazzjoni dwar il-progress tal-implimentazzjoni tista' tinsab hawnhekk.

Aktar informazzjoni

Ara l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Ħabsijiet u s-Servizzi Korrettivi (Europris) u l-Konfederazzjoni Ewropea tal-Probation (CEP).

L-aħħar aġġornament: 02/12/2021

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.